MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta ta' l-14 ta' April, 2015

Talba Numru. 230/2014

**Creek Developments p.l.c.**
**C 50531**

**Vs**

**Tonna Kristel u Tonna Marcus**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-4 ta' April, 2015 fejn is-socjeta' attrici talbet illi l-konvenuta Kristel Tonna kienet is-sid tal-bastiment Simply Brilliant 1 fiz-zmien li l-istess bastiment kenet taghmel uzu mill-berthing facilities fil-marina tas-socjeta' attrici;

Illi l-konvenut Marcus Tonna kien u ghadu il-kaptan u r-rapprezentant tal-bastiment 'Simply Brilliant 1' u dana meta l-istess bastiment kienet taghmel uzu mill-berthing facilieties fil-marina tas-socjeta' attrici;

Illi l-konvenuti ghandhom bilanc ta' elfejn, hames mija u tnejn u disghin Ewro u tnejn u sittin centezmu (€2,592.62) mas-socjeta' attrici rapprezentanti l-prezz berthing fees u servizzi tad-dawl u ilma ghall-opra tal-bahar SIMPLY BRILIANT u dan skond l-invoices hawn annessi u mmarkati bhala Dok MT1 - MT9.

Ghaldaqstant, is-socjeta' attrici qed titlob illi l-konvenuti jigu kkundannati ihallsu s-somma ta' elfejn, hames mija u tnejn u disghin ewro u tnejn u sittin centezmu (€2,592.62) rapprezentanti l-prezz tal-berthing fees u servizzi tad-dawl u ilma ghall-opra tal-bahar SIMPLY BRILLIANT u dan skon l-invoices hawn annessi u mmarkati bhala Dok MT1 - MT9 bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data ta' kull invoice sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti, bl-ingunzjoni tal-konvenuti in subbizzjoni.

Illi l-konvenuti ddikjaraw permezz tal-avukat difensur taghhom illi qed joggezzjonaw it-talba u pprezentaw nota li fiha spjegaw l-eccezzjoniji tal-gurisdizzjoni tat-Tribunal. F'dan ir-rigward inghatat sentenza fejn din l-eccezzjoni giet michuda.

Xehdet Sarah Gauci Carlton fejn spjegat li s-socjeta' attrici inghatat lista ta' nies li kienu eligibblili li jkollhom il-bastiment fil-marina. Is-socjeta' attrici bdiet tibghat ghalihom biex isir kuntratt.  Sal-ahhar ta' Jannar kienu biss tlettin persuna li ma marrux l-ufficju u lil konvenut Marcus Tonna cemplulu u infurmawh b'dak li kien qed jigri fl-1 ta' Jannar, 2011 pero dan baqa' ma marx l-ufficju hu ghalhekk f'Marzu qalulu li ma baqax ikkunsidrat bhala sid ta' bastiment b'berthing annwali izda biss bhala provizorju u dan minhabba l-agir tieghu. Pero' fil-31 ta' Lulju, 2011 kitbilhom Marcus Tonna sabiex jerghgu jikkunsidrawh bhala sid ta' bastiment irmigjat fuq bazi annwali.

Mistoqsijha in kontro ezami spjegat illi minkejja li ma setghatx tipprezenta l-lista lill-Awtorita qalet illi l-ftehim kien li l-persuni jibqghu bl-istess status li kellhom.

Xehed ukoll George Mercieca prodott mis-socjeta' attrici li kkonferma dak qalet ix-xhud Gauci Carlton u spjega li Marcu Tonna baqa' ma marx bid-dokumenti mehtiega.

Il-konvenuti minkejja li kellhom ic-cans irressqu l-provi taghhom dawn naqsu li jaghmluh u ghalhekk it-Tribunal ghadda biex jiddecidi l-kaz.

Jidher illi f'dan il-kaz iz-zewg partijiet kellhom in-nuqqasijiet taghhom. Il-konvenut min-naha tieghu naqas peress illi traskura milli jiehu hsieb l-irmigjar tal-bastiment tieghu. Pero minkejja dan hu hallas il-kontijiet mitluba minnu.

Min-naha taghhom is-socjeta' attrici tghid illi rceviet lista ta' persuni li kienu eligibbli biex jigu kkunsidrai ghal annual berthings. Qalet ukoll illi kellhom jibqghu jitqiesu bl-istess status pero qalet ukoll illi kellu jsir kuntratt gdid. Dan il-kuntratt ma ngibx prva u t-Tribunal iqis illi la darba Marcus Tonna kellu l-istatus ta' annual berthing dan ma kellux jispicca sempliciment ghax ma marx l-ufficju jew minhabba l-agir tieghu.

Ghalhekk it-Tribunal b'ekwita jaqta u jiddecidi billi jilqa' it-talba atytrici fl-ammont ta' elf u tmien mitt ewro (€1,800) liema ammont huma responsabbli ghalih iz-zewg konvenuti b'mod kongunt. Dan l-ammont ta' elf u tmien mitt ewro (€1,800) ghandu jithallas mill-konvenuti jew minn minnhom lis-socjeta' attrici bl-imghax legali mid-data tal-avviz sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza ghandhom jinqassmu ugwalment bejn il-partijiet.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**
**Gudikatur**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------